**144. Il-Ministru tax-Xogħlijiet Pubbliċi u Kostruzzjoni, l-Onor. Charles Buhagiar jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

Billi hu maħsub fl-artikolu 3 tal-Kap 268 tal-Liġijiet ta' Malta. Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern illi art (kif imfisser f'dak 1-Att) li tkun proprjetà tal-Gvern jew li hi amministrata minnu ma tistax tiġi trasferita (ukoll kif imfisser f'dak 1-Att) ħlief skond xi wahda mid-disposiżizzjonijiet tal-paragrafu (a), (b), (ċ), (d) jew (e) tas-subartikolu (1) ta' dak l-artikolu;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (b) tal-imsemmi subartikolu li trasferiment kif imsemmi qabel, jista' jsir "skond policy applikabli għall-art li jkun hemm il-ħsieb li tiġi trasferita u approvata b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati li tkun iseħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi l-*policy* li qed tiġi proposta għall-approvazzjoni tal-Kamra hija dik miġbura fid-dokument mehmuż ma' din ir-riżoluzzjoni;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-Kamra tad-Deputati tapprova 1-*policy* miġbura fid-dokument hawn anness għall-għanijiet tal-paragrafu (b) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Kap 268 tal-Liġijiet ta' Malta, Att dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern u għanijiet l-oħra kollha tal-istess Liġi.

30.06.1998